

Brussell, 8 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

9994/17

TRANS 252

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8666/1/17 REV 1 TRANS 158	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà fit-toroq, li japprovaw id-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta ta' Marzu 2017 – Konklużjonijiet tal-Kunsill (8 ta' Ġunju 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Is-Sigurtà fit-Toroq b'approvazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta (il-Belt Valletta, 28-29 ta' Marzu 2017)", adottati mill-Kunsill fit-3545 laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Ġunju 2017.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar is-sigurtà fit-toroq

- li japprovaw id-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta ta' Marzu 2017 -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. FILWAQT LI JIEĦU KONT tal-ħidma kontinwa mwettqa permezz ta' diversi linji ta' politika biex titjieb aktar is-sigurtà fit-toroq;
2. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tal-istatistika dwar inċidenti tat-traffiku fatali fit-toroq tal-Unjoni għas-sena 2016;¹
3. FILWAQT LI JILQA' l-konferenza ministerjali dwar is-sigurtà fit-toroq organizzata mill-Presidenza Maltija fil-Belt Valletta fid-29 ta' Marzu 2017;
4. JAPPROVA l-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-Belt Valletta dwar is-sigurtà fit-toroq, kif jinsab fl-anness għal dawn il-konklużjonijiet;
5. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex ikomplu l-isforzi u l-kooperazzjoni tagħhom fl-implimentazzjoni tal-impenji li saru f'dik id-dikjarazzjoni;
6. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tassoċja ruħha ma' dawn l-isforzi u biex tieħu kont tad-dikjarazzjoni meta tħejji l-istrateġija li jmiss tal-Unjoni dwar is-sigurtà fit-toroq.

¹ Stqarrija għall-Istampa IP/17/674 tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' Marzu 2017.

1. Il-Ministri tat-Trasport tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Belt Valletta fid-29 ta' Marzu 2017 taħt il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, jikkonfermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għat-titjib tas-sigurtà fit-toroq. L-għadd għoli b'mod persistenti ta' fatalitajiet tat-traffiku (26 100 imwiet fl-UE fl-2015) u tidrib serju minn inċidenti tat-traffiku huwa problema soċjetali kbira ħafna li tikkawża tbatija umana u spejjeż ekonomiċi inaċċettabbli, stmati li jammontaw għal madwar EUR 50 biljun fis-sena għal inċidenti fatali biss², u aktar minn EUR 100 biljun meta jiġu inklużi inċidenti serji.³
2. Kien hemm xejra kostanti u promettenti sabiex tintlaħaq il-mira komuni ta' tnaqqis bin-nofs tal-għadd ta' mwiet fit-toroq bejn l-2010 u l-2020, approvata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-2010,⁴ iżda r-rati ta' tnaqqis fl-għadd ta' mwiet baqgħu l-istess f'dawn l-aħħar snin. Ta' tħassib partikolari huwa l-għadd ta' mwiet u tidrib serju fost daww li jimxu fit-toroq u ċ-ċiklisti. Għalhekk, il-mira saret diffiċli ħafna u, sakemm ma jsirux aktar sforzi, tista' ma tintlaħaqx.
3. Il-ħidma fuq it-titjib tas-sigurtà fit-toroq m'għandhiex titkejjel biss skont l-għadd ta' mwiet fit-toroq; l-għadd ta' tidrib serju mhuwiex inqas ta' tħassib għax huwa ħames darbiet ogħla min-numru tal-imwiet fit-toroq.² Jenħtieġ li wieħed jimmira lejn mira ġenerali ambizzjuża, fl-ispirtu tar-risoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar it-titjib tas-sigurtà fit-toroq fid-dinja⁵, biex jittieħdu l-miżuri ta' tnaqqis adatti. Mira bħal din teħtieġ monitoraġġ permezz ta' data komparabbli u affidabbli, li tiġi rrappurtata bl-użu ta' definizzjoni komuni. Dik id-data għandha tiġi analizzata bir-reqqa f'ħidma kollaborattiva bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea sabiex, abbażi tar-robustezza tagħhom, jistgħu jittieħdu miżuri addizzjonali adatti biex jitnaqqas in-numru ta' tali tidrib fid-deċennju li jmiss.

² Kummissjoni Ewropea, Studju dwar is-sigurtà fit-toroq għall-evalwazzjoni interim tal-Orjentazzjonijiet tal-Politika dwar is-Sigurtà fit-Toroq 2011-2020, 2015, p. 19.

³ Kummissjoni Ewropea, stqarrija għall-istampa, 31 ta' Marzu 2016, IP/16/863.

⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà fit-toroq, 2 ta' Diċembru 2010, paragrafu 21, ST 16951/10.

⁵ Riżoluzzjoni A/70/260 ta' April 2016.

4. Is-sitwazzjoni fir-rigward tas-sigurtà fit-toroq tvarja ħafna minn Stat Membru għall-ieħor. Jenħtieġ li jsir sforz speċjali f'dawk il-każijiet fejn is-sigurtà fit-toroq hija inqas mill-medja tal-Unjoni Ewropea, appoġġat minn kooperazzjoni mill-qrib u skambju ta' għarfien bejn l-Istati Membri.
5. L-eċċess ta' veloċità, is-sewqan taħt l-influenza tal-alkoħol jew tad-drogi, u li wieħed ikun distratt jew għajjen waqt is-sewqan għadhom fost il-kawżi ewlenin ta' ħabtiet tat-traffiku fit-toroq. In-nuqqas ta' użu ta' tagħmir protettiv jaggrava s-severità tat-tidrib. Jenħtieġ għalhekk li tingħata attenzjoni partikolari lit-titjib tal-imġiba tal-utenti tat-triq.
6. Diġà teżisti firxa wiesgħa ta' strumenti li jikkonċernaw, b'mod partikolari, infurzar aħjar tar-regoli tat-traffiku fl-Istati Membri u tul il-fruntieri, edukazzjoni aħjar u sensibilizzazzjoni fost l-utenti tat-triq, kif ukoll it-titjib tal-infrastruttura u s-sikurezza tal-vetturi, b'kont meħud tal-età u tal-affidabbiltà tat-toroq. Jenħtieġ li dawn l-istrumenti jiġu applikati mill-aktar fis.
7. Waqt li tibni fuq il-prinċipju ta' sussidjarjetà, is-sigurtà fit-toroq hija responsabbiltà kondiviża, li teħtieġ azzjoni konkreta u konġunta mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-industrija u s-soċjetà ċivili.
8. L-Istati Membri ser jimpenjaw ruħhom biex:
 - a) ikomplu u jsaħħu l-miżuri meħtieġa biex inaqqsu bin-nofs l-għadd ta' mwiet fit-toroq fl-UE sal-2020 mil-linja bażi tal-2010;
 - b) itejbu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, inkluż l-awtoritajiet rilevanti, u mas-soċjetà ċivili, istituti ta' riċerka u s-settur privat, b'mod partikolari fir-rigward ta' pjanijiet u strateġiji tas-sigurtà fit-toroq b'segwitu għal approċċ ibbażat fuq ir-riskju jew integrat (bħall-approċċ 'Safe System');
 - c) jieħdu kont taċ-ċiklizmu⁶ u tal-mixi fil-pjanijiet tal-mobbiltà, fil-politiki u fil-miżuri ta' sikurezza u, fejn possibbli, jikkunsidraw l-inklużjoni ta' infrastruttura ddedikata;

⁶ Il-politika dwar iċ-ċikliżmu hija indirizzata speċifikament fid-Dikjarazzjoni ta' Lussemburgu dwar iċ-ċikliżmu bħala mezz ta' trasport li ma jagħmilx ħsara lill-klima, Ottubru 2015.

- d) itejbu s-sikurezza tal-utenti tat-triq permezz tal-iżvilupp ta' infrastruttura tat-toroq iktar sikura, filwaqt li jittieħed kont tal-possibbiltà li tiġi estiża l-applikazzjoni ta' prinċipji ta' ġestjoni tas-sikurezza tal-infrastruttura lil hinn mit-toroq tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T);
- e) jinvolvu ruħhom mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħala parti mill-ippjanar għall-mobbiltà urbana, dwar il-possibbiltà li jespandu u jintegraw limiti baxxi tal-veloċità, bħal 30 km/h, f'żoni ta' riskju għoli, b'mod partikolari f'żoni fejn nies jaħdmu, jsuqu r-roti u jilagħbu;
- f) jiżguraw l-introduzzjoni effettiva tas-sistema e-Call u jitnaqqsu l-ħinijiet tas-salvataġġ;
- g) jippromwovu t-tweqqif ta' investigazzjonijiet fil-fond bl-użu ta' kampjuni rilevanti ta' ħabti/inciidenti tat-traffiku serji u l-analiżi tad-data biex jiġu identifikati l-oqsma ta' prijorità għal intervent;
- h) b'mod parallel mal-isforzi tagħhom lejn il-kisba tal-mira tal-2020 ta' tnaqqis tal-fatalitajiet, jissoktaw il-ħidma lejn: (i) it-tnaqqis tal-għadd ta' tidrib serju f'ħabti tat-traffiku fit-toroq, u (ii) ir-rappurtar ta' data affidabbli u komparabbli bl-użu ta' definizzjoni komuni bbażata fuq l-iskala tat-trauma MAIS⁷ + sal-2018;
- i) jistabbilixxu mira ta' tnaqqis bin-nofs tal-għadd ta' tidrib serju fl-UE sal-2030 mil-linja bażi tal-2020 bl-użu ta' din id-definizzjoni komuni u fil-qafas ta' strateġija ġenerali tas-sigurtà fit-toroq għal dan il-perijodu;
- j) ikomplu jiżviluppaw miżuri li jiżguraw il-kura wara l-ħabta, ir-riabilitazzjoni bikrija u r-riintegrazzjoni soċjali ta' vittmi ta' inciidenti tat-traffiku, f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-politika pubblika, b'mod partikolari ma' dawk li jirrappreżentaw il-vittmi tat-traffiku fit-toroq;

⁷ *Maximum Abbreviated Injury Scale* (Skala Massima Abbrevjata tat-Tidrib), indiċi li jvarja minn 1 sa 6.

- k) jinfurzar b'mod effettiv ir-regoli tas-sigurtà fit-toroq u jipprovdu appoġġ lill-korpi ta' infurzar fit-toroq, inkluż permezz ta' kooperazzjoni u skambju tal-aħjar prassi, b'mod partikolari fir-rigward tal-eċċess ta' veloċità, is-sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol jew tad-drogi, in-nuqqas ta' konformità mar-regoli tad-dwal t-traffiku u tas-sinjali tat-traffiku, id-distrazzjoni waqt is-sewqan, eż. bl-użu ta' apparati mobbli, u n-nuqqas ta' użu ta' tagħmir protettiv. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lil għodod preventivi bħal tagħmir li jidentifika l-użu tal-alkoħol ('alcohol interlocks'), u sistemi oħra ta' appoġġ tekniku;
- l) ikomplu jaħdmu f'korpi internazzjonali għas-sigurtà fit-toroq⁸ sabiex jgħinu biex jitħaffef it-titjib fis-sigurtà fit-toroq permezz ta' mezzi tekniċi u mhux tekniċi fl-Ewropa u lil hinn minnha;
- m) jiżguraw livelli adegwati ta' finanzjament għal politiki futuri tas-sigurtà fit-toroq, programmi u riċerka f'konformità ma' (i) l-oġettivi stipulati fl-istrateġiji nazzjonali u (ii) ir-riżorsi finanzjarji disponibbli tal-Istati Membri;
- n) jippromwovu, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, kultura madwar l-Ewropa kollha ta' sigurtà fit-toroq ibbażata fuq valuri kondiviżi u jtejbu l-imġiba tal-utenti tat-triq permezz ta' edukazzjoni u taħriġ kontinwi u effettivi mmirati lejn gruppi differenti, b'kont meħud tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti vulnerabbli tat-toroq⁹ kif ukoll sewwieqa professjonali;
- o) jappoġġaw l-użu ta' vetturi konnessi u awtomatizzati li huma kompatibbli u interoperabbli b'benefiċċji ta' sikurezza ppruvati, kif imsemmi fid-Dikjarazzjoni ta' Amsterdam¹⁰ u l-istrateġija tal-Kummissjoni dwar Sistemi tat-Trasport Intelliġenti Kooperattivi.¹¹

⁸ Bħal gruppi ta' ħidma tal-Kummissjoni Ekonomika tan-NU għall-Ewropa (Grupp ta' Ħidma dwar is-Sikurezza tat-Traffiku (WP.1), Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi (WP.29), Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi (WP.15)).

⁹ 'Utenti vulnerabbli tat-triq' tfisser utenti tat-triq mingħajr vettura bil-mutur, bħal pereżempju n-nies mexjin fit-triq u ċ-ċiklisti, kif ukoll is-sewwieqa tal-muturi u l-persuni b'diżabbiltà jew persuni b'mobbiltà u orjentament limitati.

¹⁰ Dikjarazzjoni ta' Amsterdam dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tas-sewqan konness u awtomatizzat, April 2016.

¹¹ Dokument ST 15203/16 (COM(2016)766 final ta' Novembru 2016).

9. L-Istati Membri jappellaw lill-Kummissjoni biex:

- a) ittejjeb il-protezzjoni tal-utenti tat-triq, u b'mod partikolari l-utenti vulnerabbli tat-triq, billi tiżgura l-introduzzjoni ta' karatteristiċi ġodda tas-sikurezza għall-vetturi, pereżempju permezz tat-tħaffif tar-rieżami tar-regoli ta' approvazzjoni tat-tip fir-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali kif deskritt fir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill intitolat 'Insalvaw il-Ħajjiet: Insaħħu s-Sikurezza tal-Karozzi fl-UE';¹²
- b) ttejjji qafas ta' politika ġdid għas-sigurtà fit-toroq għad-deċennju wara l-2020, inkluża valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-sigurtà fit-toroq b'kont meħud tal-miri u l-oġettivi stabbiliti f'din id-dikjarazzjoni;
- c) tesplora t-tisħiħ tal-qafas legali tas-sigurtà fit-toroq tal-Unjoni b'attenzjoni partikolari fuq il-kooperazzjoni tal-Istati Membri dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' skwalifiki tas-sewqan ta' sewwieqa mhux residenti, mingħajr preġudizzju għall-bażi(jiet) legali adatti għal tali proposti;
- d) taħdem mal-partijiet ikkonċernati kollha biex jiġu stabbiliti proġetti u inizzjattivi sabiex jiġu protetti l-utenti vulnerabbli tat-triq u jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' għarfien u l-aħjar prassi fost l-Istati Membri dwar l-investigazzjoni ta' inċidenti tat-traffiku, kif ukoll strateġiji u kampanji dwar is-sigurtà fit-toroq;
- e) tesplora l-potenzjal ta' teknoloġiji tas-sewqan konnessi u awtomatizzati, u l-użu tad-data li hija diġà disponibbli fil-vetturi u fl-infrastruttura, biex tissaħħaħ is-sigurtà fit-toroq filwaqt li tiġi żgurata s-sigurtà tad-data;
- f) tiżgura li r-riżorsi meħtieġa jiġu allokat i għar-riċerka, programmi u proġetti li jippromwovu s-sigurtà fit-toroq fl-Ewropa;
- g) tikkoopera ma' Stati Membri u partijiet ikkonċernati ewlenin oħra dwar l-iżvilupp ta' kultura ta' sigurtà fit-toroq madwar l-Ewropa kollha.

¹² Dokument ST 15705/16 (COM (2016) 787 final ta' Diċembru 2016).

10. L-Istati Membri jistiednu lill-industrija, f'kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili fis-settur, biex:
- a) tiżviluppa sistemi tat-trasport intelliġenti kooperattivi, filwaqt li tiżgura li servizzi u sistemi ġodda jkunu kompatibbli, siguri u interoperabbli fil-livell Ewropew;
 - b) tiżviluppa u tippromwovi teknoloġiji ġodda, speċjalment dawk il-funzjonijiet awtomatizzati tas-sewqan u s-sistemi ta' assistenza tas-sewwieq li jnaqqsu l-effetti ta' żbalji umani u ta' distrazzjoni, b'halma huma l-Assistenza Intelliġenti tal-Veloċità jew tal-Ibbrejkjar Awtonomu ta' Emerġenza avanzat, li jipproteġu b'mod partikolari lill-utenti vulnerabbli tat-toroq;
 - c) tippromwovi l-potenzjal tas-sigurtà fit-toroq ta' vetturi kooperattivi, konnessi u awtomatizzati.
11. Il-ministri għat-trasport jenfasizzaw l-importanza ta' ħidma kontinwa u kooperazzjoni dwar is-sigurtà fit-toroq, u jieħdu nota tal-kontributi u l-impenji meħuda mill-partijiet ikkonċernati qabel u matul il-konferenza tal-Belt Valletta.
-